# PERFECTI MYSTERIUM AMORIS

Ta' Karmenu Vassallo *(Għaġġla Kbira)*

Għadek tisma' fil-ħemda lejlija
tibki l-kwiekeb u ttenni bil-hemm
ta' żewġ qlub li sfaw ħesrem mitfija
l-eqqel ġrajja ta' mħabba u ta' demm.

*   *   *

Hu kien għaqli, kien dħuli, kien twajjeb;
kien iħobbkom daqs dawl ħbub għajnejh:
qatt il-ħalfa ta' żwieġu ma għajjeb;
qatt ma xorbu miż-żina xufftejh.

Mel'int, martu, w int, ibnu, tisħtuhx.
Kien poeta: intom dan ma tifhmuhx.

Ħsiebu safi, lsien fommu kien ħlejju,
qalbu kbira, kien moħħu miftuħ,
għanna l-għaxqa tas-seher ta' Mejju,
għanna ċ-ċokon u l-faqar u l-ġuħ.

Le, ja martu, le, ibnu; tisħtuhx.
Kien poeta: intom dan ma tifhmuhx.

L-għira, ir-regħba, il-mibegħda li f'qirda
'il-ġnus tefgħu tad-dinja għal xulxin,
begħduh minnkom. Bil-għali tal-firda
ħass lil qalbu ġo sidru qed tnin.

Mel'int, martu, w int, ibnu, tisħtuhx.
Kien poeta: intom dan ma tifhmuhx.

Bgħid minn artu, minn daru, minn niesu,
fit-taqbid qalb id-dmija win-nar
l-għadu darbu u ħallieh jaqta' jiesu
li darb'oħra mill-ġdid jerġa' għad-dar.

Le, le, martu, le, ibnu, tisħtuhx.
Kien poeta: intom dan ma tifhmuhx.

Malli l-biża' tal-ġlied għadda u tbiegħed,
    tfajla ħelwa rat wieħed miġruħ
qed imut ħdejn bieb darha. Titriegħed
    hi u niesha ġo darhom daħħluh.
        Martu w ibnu, f'ġieh Alla, tisħtuhx.
        Kien poeta: intom dan ma tifhmuhx.

Meta stejqen mit-telfa tal-ġerħa,
    meta bexxaq għajnejh u ra d-dawl,
f'sodda għariba kif kien rasu mserrħa,
    lissen: "Malta! Marija! San Pawl!"
        Martu w ibnu, f'ġieh Kristu, tisħtuhx.
        Kien poeta: intom dan ma tifhmuhx.

Għadda ż-żmien. Iż-żagħżugħ li ġie f'tiegħu
    ħassu dmiru li jibqa' midjun
ma' min issa kien ġà rtabat miegħu
    b'ġibda w għożża ta' qawwa ta' ljun.
        Imm'int, martu; w int, ibnu, tisħtuhx.
        Kien poeta: intom dan ma tifhmuhx.

Kien iħobb, jaf iħobb u jrodd lura
    mitt elf ġid għal kull wieħed magħmul
lilu n-nifsu. Kif sata' mostura
    issa mħabbtu jħallilek fit-tul?
        Mela; o martu, w int, ibnu, tisħtuhx.
        Kien poeta: intom dan ma tifhmuhx.

Qatt lil ġiehu jew ġiehha ma tabba'
    għax għal dan kien minn dejjem għajjur.
Kienet tisboq imħabbtu l-imħabba
    tal-għasafar bla ħtija u tal-fjur.
        Għalhekk, martu, w int, ibnu, tisħtuhx.
        Kien poeta: intom dan ma tifhmuhx.

Fiha n-nfisha l-imħabba taqbida
    li qajl qajl toħroġ minnha rebbieħ.
Ma weġibx għal talbitha marida......
    Għafrid jeħor serqilha kull ġieh.
        Martu w ibnu, f'ġieh Dinkom, tisħtuhx.
        Kien poeta: intom dan ma tifhmuhx.

Kien imut u kien joqtol biex gielhu
u gieh dik li hu ħabb b'safa gdid
jibqgħu sħaħ sa ma fl-aħħar jistrieħu
f'jum ir-rebħa tas-sliema u tal-gid.

Le, le, martu, w int, ibnu, tisħtuhx.
Kien poeta: intom dan ma tifhmuhx.

L-aħbar kerha tax-xbejba mimsusa
b'dak il-għajb qanqlet fih għatx ta' demm:
rawh il-kwiekeb itemmha w ibusha;
b'rasha f'idu rawh magħha jintemm.

Martu w ibnu, f'gieh qilltu, tisħtuhx.
Kien poeta: intom dan ma tifhmuhx.

31 ta' Awissu, 1943.